MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2014

Rikors Numru. 541/2013

**AB**

**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi fil-hmistax (15) ta’ Novembru tas-sena elf disgha mija u tmienja u disghin (1998) huwa zzewweg lill-intimata Jacqueline Mifsud, u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal – dokument ‘A’, certifikat taz-Zwieg;

Illi l-kontendenti ilhom separati de facto minn l-ahhar jum ta’ Dicembru tas-sena elfejn (2000) u ghalhekk ghal aktar minn erba’ snin;

Illi bejn il-kontendenti m'hemmx kwistjoni ta' manteniment ghax huma stess ma jridux manteniment minn xulxin;

Illi assolutament m'hemm l-ebda possibilita` ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u dan wara li dan gie debitament esplorat mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, dokument 'B';

Illi in oltre qed jigi anness affidavit tar-rikorrenti dwar il-konferma tal-fatti – 'Dok. C'' ;

Illi jinkonkorru l-kriterji kollha stabiliti skond il-ligi ghall-hall taz-zwieg u d-divorzju tal-partijiet;

Talab sabiex li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-kontendenti Melvyn Mifsud u Jacqueline Mifsud, li gie ccelebrat fil-hmistax ta' Novembru 1998;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet konjugi Mifsud, biex dan jigi registrat u annotat fir-Registru Pubbliku Bl-ispejjez kontra l-intimata illi hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat ir-risposta tal-intimata, li permezz taghha tippremetti :

Illi ma topponix ghat-talbiet maghmula mir-rikorrenti minghajr ma pero' ma ghandha tbati l-ispejjez;

Rat ir-risposta tal-intimata, illi permezz taghha ipprezentat kontro-talba tejn talbet illi tirreverti ghal kunjom xbubita u cioe' Pace Balzan u rat illi ir-rikorrenit ma jopponix ghal din it-talba;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-11 ta' Novembru, 2013;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Rat l-affidavit bix-xhieda tal-intimata;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti qeghda fl-ewwel lok tilqa’ t-talba tal-intimata biex tirriverti ghal kunjom xbubita u cioe’ Pace Balzan;

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom de facto separati sa minn Dicembru tas-sena 2000 u effettivment kienu ottjenew l-awtorizzazzjoni tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili sabiex jipprocedu b’kawza ghas-separazzjoni personali u dan permezz ta’ digriet tal-14 ta’ Mejju 2002;

Rat illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi qeghda tilqa’ it-talba tal-intimata biex tirriverti ghal kunjom xbubita u cioe’ Pace Balzan, qeghda tilqa t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------